FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

27 ta' Mejju 2011

# **<u>LAQGĦA TAL-KUNSILL</u>**

**<u>Minuti tas-Sebgha u Hamsin (57) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana</u>**

Is-Sindku sejjah is-Sebgha u Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **<u>nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2011 fis-2.30pm.</u>**

Is-Sebgha u Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Risposta ghall-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awditur
6. Mina tal-ferrovija
7. Isle of MTV 2011
8. Post Mortem: Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011
9. Bankina ta' Triq San Frangisk
10. Tqassim tar-rigali fi zmien il-Milied
11. Slaleb fi Triq Sant'Anna
12. Lejlet l-Ewwel tas-Sena 2012
13. Funtana tat-Tritoni
14. Ħidmet il-Kunsill Lokali 2007-2012
15. Is-CCTV fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V
16. Asfaltar tat-toroq
17. Kxif ta' fossa fi Pjazza San Publju
18. Approvazzjoni ta' ħatra tal-iskrivana Denyse Scerri fi tmiem il-perjodu ta' *probation*
19. Ħwejjeg Oħra
20. Aġġornament tal-laqgħa

Ghas-sebgha u hamsin (57) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma. Il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru 2.1.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-minuti tas-sitta u hamsin (56) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Grupp Abbatini, Parrocca San Publju Martri fejn talbu biex jigu mizjuda mal-lista ta' ghaqdiet Furjanizi. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat applikazzjoni ta' registrazzjoni bhala ghaqda Furjaniza lil dan il-grupp biex timtela' bid-dettalji u tintbaghat lura lill-Kunsill biex b'hekk tkun tista' tigi rregistrata bhala ghaqda.

**Nota: 14:50 Il-Vici-Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

**Nota: 14:55 Il-Kunsill qabel li l-laqgha ghandha tigi sospiza biex jiltaqa' ma rapprezentant ta' Cable35 halli jispjega f'iktar dettal it-talba tieghu ghall-permess t'attivita'.**

**15.05 Is-sebgha u hamsin laqgha tal-Kunsill tkompliet.**

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Cable35 fejn talbu il-permess tal-Kunsill biex itellghu attivita' magenb ir-ristorant Lo Squero nhar it-8 ta' Lulju 2011. Il-Kunsill ma laqax din it-talba u qabel li ghandu jitlobhom jikkunsidraw post iehor minhabba li l-post li ssuggerew huwa l-unika post ta zvog fis-Sajf ghar-residenti Furjanizi peress li hu l-uniku post fil-lokalita' magenb il-bahar.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Island Caterers fejn talbu permess biex jorganizzaw ikla ta' 120 persuna fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V nhar il-11 ta' Gunju 2011. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni diment li tintuza parti mic-Centru, u l-*playing area*, it-*tennis court* u l-picc sintetiku jinzammu miftuhin.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza rigward il-progett Gardmed. Is-Sindku Nigel Holland spjega li huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv marru ghal-ewwel laqgha li saret f'Catania rigward dan il-progett. Il-progett ghandu jibda f'Gunju 2011 u jibqa' ghaddej ghal madwar sentejn shah.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand it-tim ta' produzzjoni tal-programm Konfini fejn offrew lill-Kunsill programm kompletament iddedikat ghall-Kunsill ghall-prezz ta' €1000. Il Kunsill qabel nem.con.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sinjorina Loretta Valletta fejn talbet li ssir un/loading bay quddiem it-Tom's Bar fit-Telgha tal-Kurcifiss. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier responsabbli mit-traffiku ghandu jmur jiccekkja fuq il-post qabel ma tittiehed decizjoni.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ippropona biex il-Kunsill jiehu decizjoni u jadotta *policy* fejn jibda' jinforza l-penalitajiet meta ix-xoghlijiet ma jintlahqux fil-hin, u jibghat ittra bil-miktub lil kull kuntrattur li ma jkunx lesta x-xoghol fiz-zmien stipulat u jinformah li ser jibda' jehel penali ghal kull gurnata zejda li jdum biex jitlesta x-xoghol mitlub. Il-Kunsill qabel nem.con.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn

issuggerew li jissemmew zewg toroq ghal zewg persuni li mietu ricentement; Mons. Salvinu Fenech u Anthony Piscopo. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mal-Kumitat tal-ismijiet tat-toroq jekk dan jistax isir peress li hemm policy li biex jissemmew toroq ghal persuni mejta jkun hemm bzonn li jkunu ghaddew hames snin .

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn issuggerew ukoll li ssir lapida b'isem Mons. Salvinu Fenech u li titwahhal mad-dar li fiha twieled fi Triq San Tumas. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandhom jigu vverifikati xi dettalji qabel tittiehed decizjoni finali.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn issuggerew li ssir kommemorazzjoni lil Mons. Salvinu Fenech simili ta' dik li saret f'dawn l-ahhar granet lil Anthony Piscopo. Il-Kunsillier Vincent Borg xtaq jirregistra li huwa kontra. Il-Kunsill qabel nem con.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ghandha ssir karta bl-istruzzjonijiet ta' kif jithaddem il-platform lift u li titwahhal mal-bieb ta' barra biex b'hekk jigi ffacilitat l-uzu tal-lift ghal dawk li jixtiequ jaghmlu uzu minnu. Il-Kunsill qabel.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk kienx irraporta lil xi hadd minn dawk li kienu partecipi fil-*carcade* tal-gurnata ta' qabel. Is-Sindku wiegeb li hu ma kien ghamel rapport lil hadd u kellu jiccekkja mal-Pulizija biex jivverifika ghalfejn inghatat din l-informazzjoni zbaljata dwaru.

3.2 Il-Vici Sindku Franco Davies saqsa jekk jistax isir railing mal-faccata tad-Dar tal-Kunsill ghall-uzu tal-anzjani li jzuru l-ufficcju tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li jsir railing mal-faccata tal-Kunsill u fuq in-naha l-ohra tal-*platform lift*.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **52-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9548 sa 9590.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland, ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9497 sa 9590, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5. Risposta ghall-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awditur

5.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-Ittra ta' Direzzjoni mibghuta lill-Kunsill mill-Awditur u talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega fil-qosor f'hiex kienet tikkonsisti.

**Nota: 16:05 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

5.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv qara l-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awditur, il-Kunsill qabel li ghandu jirrispondi l-ittra bil-miktub u jikkjarifika whud mill-punti msemmijin mill-Awditur peress li jidher li hemm hafna skorrettezzi min-naha tal-Awditur.

**Nota: 16:10 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

## 6. Mina tal-ferrovija

6.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi qal li dan il-progett kien qajjem bosta interess kemm fost il-Furjanizi kif ukoll fost nies barra mil-lokalita'. Is-Sindku Nigel Holland kompla li biex il-Kunsill jista' jibda l-process halli jaghmel uzu minn din il-mina, jehtieg li jiehu d-devoluzzjoni taghha.

6.2 Wara diskussjoni fid-dettal dwar il-htiega li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni tal-mina tal-ferrovija halli jsir miljorament f'dan il-post storiku u tinfetah ghall-pubbliku halli jizdied l-gharfien tal-patrimonju lokali.

6.3 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondat mil-Vici Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni ghal talba ta' devoluzzjoni tal-istazzjon tal-biljetti tal-kamra li taghti ghall-mina u tal-istazzjon tal-mina tal ferrovija flimkien mal-mina, bir rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, ET, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

6.4 Ghaldaqstant, is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jressaq it-talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali wara li jimtlew l-formoli tat-talba tad-devoluzzjoni.

## 7. Isle of MTV 2011

7.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi nforma lill-Kunsill bil-laqgha li l-Kunsill kien ghamel flimkien mal-organizzaturi tal-kuncert Isle of MTV, residenti u entitajiet ikkoncernati.

7.2 Huwa kompla jghid li gie ssuggeriet mill-Malta Tourism Authority li ghal din l-edizzjoni tal-kuncert, minflok gwardjani lokali jkun hemm security guards li jigu pprovduti mill-Awtorita maltija ghat-Turizmu stess. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan minhabba li fl-assenza tal-gwardjani lokali, ma jistax ikun hemm infurzar tal-ligi ghaliex security guards m'ghandhomx din l-awtorita'.

7.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien ghadda l-pjanta bil-proposta tat-toroq li ghandhom jinghalqu kienet giet mghoddija lill-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu waqt il-laqgha li kienet saret fl-ufficcju tal-Kunsill.

## 8. Post Mortem: Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011

8.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi qal li ghal darb'ohra l-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat rega kien success. Huwa kompla jghid li jidher li l-attendenza mis-sena l-ohra kienet naqset xi ftit u dan seta' jkun attribwit ghall-fatt li din is-sena kien hemm numru inqas ta' partecipanti u anke minhabba li kienu gew organizzati xi attivitajiet ohra minn Kunsilli Lokali ohrajn fl-istess data.

8.2 Is-Sindku ppropona li ghas-snin li gejjin, il-Kunsill jiehu hsieb jordna billboard biex jirreklama l-festival kif ukoll il-festa. Il-Kunsill qabel nem.con.

8.3 Is-Sindku semma li l-Kunsill ghandu jevalwa l-possibilta' li l-Kunsill johloq zewg kategoriji ghall-edizzjoni li jmiss tal-festival biex jigu mhegga dawk il-partecipanti li jixtiequ jiehdu sehem izda m'ghandhomx bizzejjed finanzi biex jaghmlu dan u b'hekk ikunu jistghu jippartecipaw xorta wahda.

8.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili nformat lill-Kunsill li hafna minn dawk li attendew kienu fahhru l-kwalita' tas-*sound* li kien tajjeb u car hafna minn kullimkien.

8.5 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kuntrattur li rebah l-esklussivita' ta bejgh ta' ikel u xorb matul il-festival li izda talab lill-Kunsill biex ihallas ghal-licenzja tal-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu li tippermetti li jsir bejgh ta' alkohol wara l-intorduzzjoni ta' ligi gdida dwar dan. Il-Kunsillier Vincent Borg gharrfu li minhabba l-bidla fil-ligi, huwa qabel li l-Kunsill ihallas il-licenzji necessarji lill-Malta Tourism Authority sabiex il-kuntrattur ikun jista' jbiegh l-alkohol dakinhar tal-festival u dan anke peress li jekk tnaqqas dawn l-ispejjez mill-offerta xorta wahda dan il-kuntrattur ikollu offerta aktar vantaggjuza mill-kuntrattur li jmiss.

8.6 Is-Sindku ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jitlob lill-kuntrattur jirrifondi l-ammont ta' flus li nhargu ghal dawn il-permessi minhabba li skont hu, dawn il-permessi kellu jhallashom il-kuntrattur stess u mhux il-Kunsill. Din il-mozzjoni giet meqjusa bhala nulla peress li ma kellha l-ebda sekondant.

8.7 B'riferenza ghall-materja nru 8.5, Il-Kunsillier Vincent Borg kompla jiccara li r-raguni ghalfejn kien qabel li l-Kunsill ihallas dawn il-permessi kienet li b'dan il-mod il-Kunsill kien ser jibbenefika finanzjarment u li kieku kien kontra, il-Kunsill kien ser imur iktar taht madwar €400 minhabba li t-tieni offerta' ghall-esklussivita' kienet ferm inqas. Hu kompla jghid li ghalhekk meta ha decizjoni dwar dan, zamm f'mohhu l-interessi tal-Kunsill.

8.8 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li l-Kunsill ghandu jesiegi fuq id-decizjoni li kien ha f'laqghat precedenti fejn is-somma dovuta lill-Kunsill ghandha tithallas sa minimu ta' gimgha qabel l-avveniment. Il-Kunsill qabel nem.con.

## 9. Bankina ta' Triq San Frangisk

9.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa rigward il-bankina li hemm hdejn Agius Printing Services. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien hemm applikazzjoni ghand il-MEPA pendenti li tirrigwarda lil din il-bankina.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla jghid li din il-bankina kellha bzonn titwessa u dan minhabba li meta jipparkjaw vetturi kbar wicchom lejha, qed jinghalaq l-access ghall-bankina.

9.3 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier responsabbli mill-MEPA ghandu jiehu hsieb jikkonsulta mal-

istess awtorita' biex jara f'hiex wasal il-permess ghax-xoghol fuq din il-bankina.

## 10 Tqassim ta' rigali fi zmien il-Milied

10.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jibda joffri servizz ta' Father Christmas li jqassam ir-rigali lit-tfal (mixtrija mill-genituri taghhom) fid-djar (residenti fil-Floriana) fi zmien il-Milied. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea.

10.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lir-residenti Furjanizi b'dan is-servizz gdid u jinformahom ukoll li dawk interessati, ghandhom japplikaw fl-ufficcju tal-Kunsill. Il-Kunsillier Vincent Borg qabel li ghandu jiehu din l-attivita' f'idejh.

## 11. Slaleb fi Triq Sant'Anna

11.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jibda' jaghmel salib bid-dawl ma' kull logga fi Triq Sant'Anna ghal zmien il-Gimgha Mqaddsa.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li l-lokalita' nieqsa minn attivitajiet fil-jiem tal-Gimgha l-Kbiral relatati mal-istess festa u ghaldaqstant tkun idea tajba li l-Kunsill jaghmel dawn is-slaleb mal-logog ma' Triq Sant'Anna.

11.3 Il-Kunsill qabel nem.con ma' dan il-progett u ghandha tohrog sejha ghall-offerti.

## 12. Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna

12.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi nforma lill-Kunsill bil-laqgha li kellu s-sottokumitat tac-Celebrazzjonijiet f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna fil-jiem li ghaddew.

12.2 Huwa kompla jghid li mil-laqgha tas-sotto kumitat kienet harget l-idea li l-Kunsill jibda jiehu hsieb li javvicina huwa stess certu kantanti u zeffiena biex jiehdu sehem f'din l-attivita'.

12.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla li s-sotto-kumitat ghandu jiffinalizza d-dettalji halli tinhareg is-sejha ghall-offerti.

## 13. Funtana tat-Tritoni

13.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi fakkar fil-pjanijiet tal-Gvern Centrali li ticcaqlaq il-funtana tat-Tritoni minn fejn hi u titpogga f'Masgar is-Sliem.

13.2 Huwa kompla jfakkar fill-Konferenza Stampa li zamm il-Kunsill peress li l-Kunsill huwa kontra dan ic-caqliq. Is-Sindku sostna li dan ic-caqliq qajmet kontroversja u interess kemm fost il-Furjanizi kif ukoll fost nies barra mill-Floriana.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li hafna kienu dawk li urew dizapprovazzjoni kbira lejn din id-deciżjoni li jsir dan ic-caqliq u hafna kienu ssuggerew li ssir petizzjoni bhala turija ta' oggezzjoni ghal dan.

13.4 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jaghmel petizzjoni kontra ic-caqliq tal-Funtana tat-Tritoni, u li wara tigi pprezentata lill-awtoritajiet.

## 14. Hidmet il-Kunsill Lokali 2007-2012

14.1 Is-Sindku Nigel Holland ppropona biex bhalma ghamel fis-snin precedenti l-Kunsill johrog ktejjeb bl-isem ta' Hidmet il-Kunsill Lokali 2007-2012

14.2 Is-Sindku Nigel Holland spjega li f'dan il-ktejjeb għandhom jigu esebiti x-xoghlijiet tal-Kunsill f'dawn l-ahhar hames snin fejn anke kull Kunsillier ikollu pagna iddedikata ghalih.

14.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla jispjega li l-kunsilliera jistghu jiktbu li jridu f'dan il-ktejjeb sakemm ikunu responsabbli ta' dak li jiktbu u li abbozz ta' dan il-ktejjeb jitpogga fuq il-mejda tal-Kunsill qabel ma jinghadda ghall-pubblikazzjoni tieghu.

14.4 Il-Kunsill approva unanimament.

## 15.0 Is-CCTV fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V

15.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa kif kien miexi l-process biex l-cameras ta' sigurta' fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V ikunu jistghu jigu segwiti mill-ufficcju tal-Kunsill.

15.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li wara li gie installat is-software u ddahhal l-internet fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, inqalghet problema teknika li ma kienx qed jaghmel possibli li dawn il-cameras ikunu accessibli mill-ufficcju tal-Kunsill minhabba l-*bandwith* tal-konnessjoni tal-internet ipprovduta mill-MITA.

15.3 Il-Kunsill ghandu jivverifika kif jista' jsolvi din il-problema biex din is-sistema tkun tista' tigi segwita mill-ufficcju tal-Kunsill.

## 16.0 Asfaltar tat-toroq

16.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lill-Kunsillier Vincent Borg biex jinforma lill-Kunsill dwar f'liema stadju jinsabu x-xoghlijiet tal-asfaltar.

16.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li x-xoghol tal-asfaltar fit-toroq tal-Floriana kien waqaf minhabba li l-kuntrattur kien informa lill-Kunsill li kien ghadu ma rceviex risposta minghand Transport Malta rigward it-talba ghal permess ghat-tkomplija tax-xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-kuntrattur u jistaqsi dwar jekk kienx hemm risposta pozittiva ghat-talba tal-permess u jesiegi li jitkompla x-xoghol mill-aktar fis.

16.3 Il-Kunsillier Vincent Borg kompla li l-Kunsill ghandu jikkuntattja lill-Water Services Corporation u jitlobhom jinformaw lill-Kunsill meta jkun ser jibda' x-xoghol f'Lascaris Wharf. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 17.0 Kxif ta' fossa fi Pjazza San Publju

17.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-MEPA kienet approvat it-talba tal-Kunsill biex tinkixef fossa fi Pjazza San Publju.

17.2 Is-Sindku Nigel Holland xtaq jissuggerixxi li l-għatu tal-fossa minflok jiġi storjat jitpogga magenb il-fossa stess. Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi lill-Perit tal-Kunsill dwar din il-possibilta'.

## 18.0 Approvazzjoni ta' hatra tal-iskrivana Denyse Scerri fi tmiem il-perjodu ta' *probation*

18.1 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li l-perjodu ta' probation tal-iskrivana Denyse Scerri wasal biex jiskadi u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jiehu decizjoni f'dan ir-rigward.

18.2 Wara li tressqet mozzjoni ghall-approvazzjoni ta' hatra tal-iskrivana Denyse Scerri mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-mozzjoni bir-rizultat kien:

Favur: 5 (FD, VB, NH, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 17:30 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 19.0 Ħwejjeg Oħra

19.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn xi residenti ta' Triq is-Suq li talbu li jitnaqqas spazju ta' parkegg min-naha minnhom tat-triq biex b'hekk ikunu jistghu jitwessghu l-ispazji ta' parkegg l-ohra peress li prezentement, min ikun ipparkjat fuq dik in-naha qed isib diffikulta' biex johrog. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

19.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill bit-talba ghal parkegg riservat quddiem l-ufficcju tal-United Nations. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika jekk dan l-ufficcju huwiex intitolat ghal parkegg riservat skond il-ligi qabel jiehu decizjoni.

19.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies rega ghamel riferenza ghall-indirizzi postali hziena tal-hwienet fil-Valletta Waterfront peress li hafna kienu mnizzlin taht Valletta u mhux taht Floriana kif suppost. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-dawn il-hwienet kif ukoll lill-Maltapost, Go u Yellow Pages u jitlobhom jimmodifikaw dawn l-indirizzi.

19.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kien innota li l-indirizz tal-Phoenicia Hotel ukoll kien hazin. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Phoenicia Hotel biex jinformahom b'dan.

19.5 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li l-kuntratturi tal-kiri tal-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kienu offrew li jghinu lill-Kunsill fil-promozzjoni ta' attivitajiet imtellghin fl-istess Centru Rikreattiv.

19.6 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill bit-talba tal-istess kuntratturi biex issir tabella mal-grada ta' barra tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V li tindika li hemm gabbana fuq gewwa. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-kuntratturi l-godda biex jaghtu aktar informazzjoni dwar dan.

19.7 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab l-approvazzjoni tal-Kunsill ghal zewg *bands* interessati jdoqqu matul l-attivitajiet imtellghin fis-Sajf fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill approva u qabel li l-Vici Sindku ghandu jibda jifformola programm ta' *bands* u kantanti li ser ikunu qed idoqqu matul dawn l-iljieli sabiex ikun jista' jigi approvat mill-Kunsill.

19.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex ittella' coffee morning fil-31 ta' Mejju 2011. Il-Kunsill approva.

## 20.0 Aġġornament tal-laqgħa

20.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Erbgha 1 ta' Gunju fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |